MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru 255/2000

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Mario Bonello)

vs

Kevin Ellul
Victor Buttigieg

Il-Qorti;

Rat li l-imputati, Kevin Ellul ta' 31 sena bin Alfred u Doris xebba Camilleri imwieled Pieta fit-23 ta' Ottubru 1975 u joqghod Wigi House, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 503275M u Victor Buttigieg ta' 34 sena bin Anthony u Emanuela xebba Zammit imwieled Pieta' fid-9 ta' Settembru 1972 u joqghod 'Casa Buttigieg' Labour Ave., Naxxar detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 474072M, gew mressqa

quddiemha akkuzati talli fis-7 ta’ April, 2000 u fil-jiem ta’ qabel fil-Gharghur, limiti tan-Naxxar, ikkommettew serq ta’ diversi ngenji u makkinarju tal-gebel u oggetti ohra, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1,000 minn Barriera li hija sitwata f’ Tax-Xwieki, Gharghur, ghad-dannu ta’ Francis Camilleri u s-socjeta’ Camilleri Bros. (Gharghur) Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur, u lok;

Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamlu hsara volontarja fl-imsemmija apparat tal-barriera u jew apparat iehor liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu ta’ l-istess sid u/jew socjeta’ hawn fuq imsemmija.

Fl-ahhar nett ukoll talli Kevin Ellul u Victor Buttigieg huma ricedivi b’ diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-2 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:
Fil-konfront taz-zewg imputati:

(a) Fl-artikoli 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esibiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur, illum Supretendent Mario Bonello, moghtija fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2000, irrizulta li

fis-7 ta' April 2000 il-Pulizija kienu rcevew rapport minghand certu Francis Camilleri li xi hadd mhux maghruf kien dahal fil-barriera tieghu liema barriera kienet tinsab f' Tax-Xwieki, limiti tal-Gharghur u kienu serqu zewg magni li jqattghu ic-cangaturi u conveyor belts tal-gebel. Minn indagni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li xi hadd mhux maghruf kien dahal fl-imsemmija barriera billi qaccat il-katina tar-rixtellu tal-hadid. Minn indagni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija rrizulta li d-derubat kellu suspett f' Kevin Ellul, li huwa wiehed mill-imputati odjerni u li l-oggetti misruqa kien ingarru fuq trukk bin-numru tar-registrazzjoni IAM 024 liema trukk kien registrat f' isem certu Saviour Buttigieg. Meta l-Pulizija kellmet lil dan ta' l-ahhar huwa nforma lil Pulziija li kien gie avvicinat minn huh Victor Buttigieg, u cioe' wiehed mill-imputati odjerni li kien flimkien ma' l-imputat l-iehor Kevin Ellul, u dawn talbuh sabiex igorr xi makkinarju minn gewwa l-barriera fil-Gharghur ghal post f' Haz- Zebbug fejn il-makkinarju kellu jinxtara minn terza persuna u ta' dan ix-xoghol huwa kien ser jithallas is-somma ta' Lm40. Kevin Ellul stqarr ma' l-Ispettur David Saliba li huwa seta' jgib ir-refurtiva lura izda qallu li ma xtaqx jinvolvi lil persuna li kien xtara l-makkinarju. Il-persuna li xtrat il-makkinarju rrizulta li kienet certu Emanuel Camilleri minn Haz- Zebbug. Dan ta' l-ahhar (ara xhieda a fol. 201 et seq) qal li kien gie avvicinat minn terza persuna u mistoqsi jekk xtaqx jixtri xi makkinarju ghal barriera tieghu. Huwa spjega li kien mar fil-barriera f' Ta' Xwieki u Kevin Ellul l-imputat, kien talbu joffri prezz ghall-makkinarju in kwistjoni u ntlahaq ftehim fuq is-somma ta' Lm850, liema ammont thallas b' cheque. Dwar it-trasport tal-makkinarju Victor Buttigieg kien offra li jaghmel l-arrangamenti sabiex huh igorr l-imsemmi makkinarju, kif fil-fatt sar. Meta l-Ispettur David Saliba kellem li Victor Buttigieg dan kien qallu li kien prezenti meta ngarr il-makkinarju izda ma kienx jaf li l-istess makkinarju kien misruq.

Mix-xhieda ta' Joseph Caruana moghtija fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2000 u mid-dokument minnu esibit (Dok. JC 1 a fol. 126 tal-process) irrizulta li Emanuel Camilleri kien hareg cheque pagabbli lil Kevin Ellul fl-ammont ta' Lm850, cheque numru 898, liema cheque kien gie girat minn

Kevin Ellul u kien gie msarraf minn Doris Ellul. Din Doris Ellul li hija omm l-imputat Kevin Ellul xehdet fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2003 fejn qalet li hija kienet tiehu hsieb l-affarijiet tat-tifel u kienet marret il-bank issarraf dan ic-cheque.

Minn kopja ta' skrittura privata datata l-1 ta' Dicembru 1994 (a fol. 69), jirrizulta li l-hofra tal-barriera f' Ta Xwieki u l-ghodod u l-makkinarju ta' gewwa fiha kellhom jigu trasferiti in kwantu ghal kwart (¼ ) f' isem Doris Ellul, u cioe' omm l-imputat, u in kwantu ghal tlett kwarti (¾) f' isem Francis Camilleri, u cioe' il-persuna li ghamlet ir-rapport lil Pulizija dwar is-serqa li tifforma l-mertu ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza ta' Kevin Ellul waqt is-sottomissjonijiet finali invokat l-applikabilita' tal-beneficcju msemmi fl-Artikoli 331 u 332 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sostniet li l-imputat Kevin Ellul ghandu jigi liberat mill-akkuzi odjerni stante li ma gietx prezentata kwerela f' dawn il-proceduri kif jirrikjedu l-Artikoli 331 u 332 f' kazijiet ta' reati kontra hwejjeg ta' axxendenti jew dixxendenti.

Fil-kaz odjern irrizulta li l-makkinarju li allegatament insteraq kien proprjeta' in kwantu ghal tlett kwarti (¾) ta' Francis Camilleri li huwa z-ziju tal-imputat Kevin Ellul u in kwantu ghal kwart (¼) lil Doris Ellul, u cioe' omm l-imputat. L-Artikolu applikabbli ghal kaz odjern huwa ghalhekk l-Artikolu 332 li jghid is-segwenti:-

"Hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-Artikoli 316, 317, 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza ghal reati li jsiru kontra hwejjeg tad-dixxendenti jew tal-qraba bi zwieg fil-linja tad-dixxendenti, jew tar-ragel jew tal-mara, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omicidju, offiza fuq il-persuna, jew sekwestru tal-persuna jew b'theddida ta' omicidju jew offiza fuq il-persuna."

Bhala regola ir-reat ta' serq li bih jinsabu akkuzati l-imputati odjerni hu azzjonabbli ex ufficio mill-Pulizija Ezekuttiva izda kif jirrizulta mill-Artikolu 332 tal-Kap. 9 appena citat ghal din ir-regola hemm l-eccezzjonijiet u cioe' hlief fil-kazijiet imsemmija fl-artikoli 316 (hruq b' perikolu tal-hajja), 317 (hruq b' perikolu komuni) u 318 (hruq bla perikolu ghal hajja tan-nies) l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza ghar-reati li jsiru kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma omicidju, offiza fuq il-persuna (minbarra offiza hafifa u ta' importanza zghira) jew ma' sekwestru tal-persuna.

Fil-kaz odjern kif diga' intqal aktar il' fuq gie pruvat li l-makkinarju li allegatament insteraq kien proprjeta' ta' omm l-appellant u taz-ziju ta' l-appellant u ghalhekk in linea ma dak li jiddisponi l-Artikolu 332 kienet mehtiega l-kwerela sabiex titmexxa l-azzjoni kriminali u ghalkemm irrizulta li Francis Camilleri kien irraporta s-serq lil Pulizija u kien indika li kellu suspett fl-imputat Kevin Ellul, mill-atti ma jirrizultax li saret kwerela a tenur tal-Artikolu 539 tal-Kodici Kriminali.

Ghal din ir-raguni l-imputat Kevin Ellul ser jigi liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza ta' l-imputat l-iehor Victor Buttigieg issostni li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 332 ghandhom ukoll japplikaw a beneficcju tieghu izda l-Qorti f' dan ir-rigward taghmel referenza ghall-Artikolu 333 tal-Kap. 9 li jistabbilixxi li l-beneficcju moghti mill-Artikoli 331 u 332 ma jiswiex lil barranin li jkunu hadu parti fir-reat. Peress li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat Victor Buttigieg huwa la axxendent jew dixxendent tad-derubati il-beneficcju msemmi fl-Artikolu 332 invokat minn Kevin Ellul ma jistax jinghad li japplika wkoll ghall-imputat l-iehor Victor Buttigieg.

Stabbilit dan il-punt irid issa jigi determinat jekk mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni tistax tinstab htija fil-konfronti ta’ l-imputat Victor Buttigieg ghall-allegat serq li bih jinsab akkuzat. Kif intqal aktar il’ fuq l-imputat Buttigieg kien stqarr mal-Pulizija li ghalkemm huwa kien prezenti ghall-garr tal-makkinarju ma kienx jaf li l-istess makkinarju kien misruq.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jistax jinghad li rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien seraq il-makkinarju in kwistjoni. Fil-fatt mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta li Emanuel Camilleri, u cioe’ il-persuna li xtrat il-makkinarju, kien effettwa l-pagament lil Kevin Ellul u mhux lil Victor Buttigieg. Ic-cheque esibit a folio 126 huwa fil-fatt pagabbli lil Kevin Ellul u rrizulta li gie msarraf minn Doris Ellul, omm Kevin Ellul. Inoltre mix-xhieda ta’ Emanuel Camilleri ghalkemm jirrizulta li l-imputat Buttigieg kien prezenti meta ngarr il-makkinarju, jirrizulta wkoll li n-negozjati saru ma’ Kevin Ellul u li l-involviment ta’ l-imputat Victor Buttigieg kien jirrigwarda biss il-kwistjoni tal-garr tal-makkinarju fejn huwa qabbad lil huh Saviour Buttigieg sabiex jiehu hsieb dan il-garr. Meta wiehed jikkunsidra li omm l-imputat l-iehor, u cioe’ omm Kevin Ellul, kienet ko-propjetarja tal-barriera u tal-makkinarju u li l-imputat Buttigieg kien konxju ta’ dan il-fatt, wiehed ma jistax jghid li gie pruvat sal-grad rikjest mill-Ligi fil-kamp kriminali li l-imputat Victor Buttigieg kien jaf li l-imputat l-iehor Kevin Ellul kien qed jiehu u jbiegh il-makkinarju minghajr il-kunsens ta’ ommu u ta’ zijuh jew li huwa kien hati tar-reat li bih qed jigi akkuzat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 332 tal-Kap. 9 tillibera lill-imputat Kevin Ellul mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u ghar-ragunijet premessi tiddikjara lill-imputat Victor Buttigieg mhux hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------